**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 123/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 11 ta' Ottubru 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXXfil-25 ta' Marzu 2011, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004, inkluz sorte, imghax u taxxa addizzjonali, stante li: (i) l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa u Avvizi ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni nhargu *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) huwa qatt ma rcieva l-qligh li qed jghid il-Kummissarju tat-Taxxi Interni w in oltre kien hemm anke snin, mis-sena 2000 sa' 2002, fejn kien student l-Università ta' Malta; (iv) bejn is-sena 2000 u s-sena 2008 huwa kien bla xoghol; (v) il-kalkoli tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma ghal kollox zbaljati u ibbazati fuq premessi hziena; (vi) ma nghatax smigh xieraq fl-istadju ta' l-oggezzjoni; (vii) il-kumpanija li tappartjeni lilu ilha ma topera zmien u qieghda in likwidazzjoni; u (viii) ir-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità; bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Intenri;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "JZ1" sa' Dok. "I" a fol. 4 sa' 27 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-snin ta' stima 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, u minflok il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni kkonfermati stante li: (i) mhux

minnu li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 u l-Avvizi ta' Rifjut ma inhargux *properly, reasonably* u *fairly*, billi dawn inhargu wara diversi diskussjonijiet li fihom ir-Rikorrent baqa' ma issodisfax lill-Kummissarju dwar il-korettezza tad-dikjarazzjonijiet li huwa ghamel ghal skop ta' taxxa ghas-snin ta' stima 1992 sa' 2004; (ii) ma huwiex minnu li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni nhargu *fuori termine* stante li l-istess inhargu a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) ir-Rikorrent qatt ma gab prova sodisfacenti li huwa qatt ma rcieva l-qligh kif likwidat skond l-Avviz ta' Likwidazzjoni ghas-snin ta' stima 1992 sa' 2004; (iv) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, huwa inghata smigh xieraq fl-istadju ta' oggezzjoni in kwantu nghata kull opportunità li jiltaqa' ma' l-assessur u jgib id-dokumenti mitluba, izda dan baqa' ma sarx; (v) it-taxxa perikolata, taxxa addizzjonali w imghax qed jigu imposti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa; (vi) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa w Avvizi ta' Rifjut ta' Oggezzjoni kif mahruga minnu huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu jirriflettu d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima in kwistjoni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "KTIA" sa' Dok. "KTID" a fol. 36 sa' 119 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2011[1], il-partijiet kontendenti qablu li t-Tribunal ghandu jittratta u jiddeciedi l-ewwel l-aggravju tal-prentorjetà tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992 sa' 2004, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, sollevat mir-Rikorrent;

Sema' x-xhieda ta' Brenda Vella, rapprezentant tal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig, moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2011[2] u ra d-dokument esebit minnha markat Dok. "BV1" a fol. 147 sa' 149 tal-process, ra l-affidavit ta' George Borg, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "A" sa' Dok. "A13", esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Novembru 2011 a fol. 150 sa' 177 tal-process, ra d-dokumenti markati Dok. "JZ1" sa' Dok. "JZ21" esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fit-30 ta' Jannar 2012 a fol. 183 sa' 203 tal-process, ra l-affidavit ulterjuri ta' George Borg, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. 1 sa' Dok. 21, esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' April 2012 a fol. 206 sa'239 tal-process, sema' x-xhieda ta' George Borg, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, moghtija waqt is-seduti tas-27 ta' Marzu 2012[3], tas-17 ta' Mejju 2012[4], ta' l-4 ta' Gunju 2013[5] u tal-11 ta' Frar 2014[6] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GB1" a fol. 205 tal-process, Dok. "GB1" sa' Dok. "GB11" a fol. 249 sa' 273 tal-process u d-dokumenti esebiti minnu a fol. 283 sa' 325 tal-process;

[1] Fol. 146 tal-process.
[2] Fol. 177A sa' 177C tal-process.
[3] Fol. 236 sa' 239 tal-process.
[4] Fol. 243 u 244 tal-process.
[5] Fol. 274 sa' 281 tal-process.
[6] Fol. 326 sa' 329 tal-process.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 330 sa' 334 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 340 sa' 345 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali finali;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004, permezz ta' liema qed jigi mitlub ihallas is-somma komplessiva ta' €143,741 rapprezentanti taxxa dovuta ghal dawn is-snin ta' stima, oltre taxxa amminsitrattiva w imghaxijiet[7]. Huwa jitlob li l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa, inkluz sorte, taxxa amministrattiva w imghax, jigu mhassra u revokati in bazi ghas-segwenti aggravji: (i) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992 sa' 2004, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, u Avvizi ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni nhargu *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) huwa qatt ma rcieva l-qligh li qed jghid il-Kummissarju tat-Taxxi Interni w in oltre kien hemm anke snin, mis-sena 2000 sas-sena 2002, fejn huwa kien student l-Università ta' Malta; (iv) bejn is-sena 2000 u s-sena 2008 huwa kien bla xoghol; (v) il-kalkoli tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma ghal kollox zbaljati u bbazati fuq premessi hziena; (vi) ma inghatax smigh xieraq fl-istadju ta' l-oggezzjoni; (vii) il-kumpanija li tappartjeni lilu ilha ma topera zmien u qieghda in likwidazzjoni; u (viii) ir-rapport taxxa ipperikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-snin ta' stima 1992 sa' 2004, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, u jitlob li l-istess jigi michud u l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni kkonfermati stante li: (i) mhux minnu li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 u l-Avvizi ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*, billi dawn inhargu wara diversi diskussjonijiet li fihom ir-Rikorrent baqa' ma ssodisfax lill-Kummissarju dwar il-korettezza tad-dikjarazzjonijiet li huwa ghamel ghal skop ta' taxxa ghas-snin ta' stima 1992 sa' 2004; (ii) ma huwiex minnu li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni nhargu *fuori termine* stante li l-istess inhargu a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) ir-Rikorrent qatt ma gab prova sodisfacenti li huwa qatt ma rcieva l-qligh kif likwidat skond l-Avviz ta' Likwidazzjoni ghas-snin ta' stima 1992 sa' 2004; (iv) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, huwa inghata smigh xieraq fl-istadju ta' oggezzjoni in kwantu nghata kull opportunità li jiltaqa' ma' l-assessur u jgib id-dokumenti mitluba, izda dan baqa' ma sarx; (v) it-taxxa perikolata, taxxa addizzjonali w imghax qed jigu imposti skond id-

[7] Dok. "JZ1" sa' Dok. "F" a fol. 4 sa' 24 tal-process.

disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa; (vi) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa w Avvizi ta' Rifjut ta' Oggezzjoni kif mahruga minnu huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu jirriflettu d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima in kwistjoni.

Waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2011[8], il-partijiet kontendenti qablu li t-Tribunal ghandu jittratta u jiddeciedi l-ewwel l-aggravju tal-prentorjetà tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992 sa' 2004, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, sollevat mir-Rikorrent. Fid-dawl ta' tali qbil ghalhekk, b'din id-decizjoni se jigi trattat u determinat l-aggravju tar-Rikorrent li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 inhargu *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal jibda billi josserva li s-sottomissjoni avvanzata mir-Rikorrent fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu dwar il-preskrizzjoni ta' tmien snin **ibbazata fuq l-Artikolu 47(2) u (4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta**, hija guridikament zbaljata w insostenibbli stante li l-Artikolu 47 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar l-**azzjoni giudizzjarja da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-gbir ta' taxxa dovuta** w in effetti s-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li: ***it-taxxa tista' ssir kawza dwarha u tingabar***[9]*, skond il-kaz, fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-gurisdizzjoni Civili taghha jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ukoll fil-gurisdizzjoni civili taghha, mill-Kummissarju fil-kwalità ufficjali tieghu, bl-ispejjez kollha tal-kawza, minghand il-persuna mressqa ghal hekk, minghand il-persuna li ghandha thallasha jew minghand il-persuna responsabbli ghat-tnaqqis taghha bhala dejn.*

Dan l-artikolu tal-Ligi tant ma japplikax fil-kuntest ta' **hrug ta' Likwidazzjonijiet ta' Taxxa da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta'** ***taxpayer*** illi s-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikou jipprovdi li: *salv kif xort' ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u* ***salvi b'mod partikolari d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30(5) u ta' l-artikolu 31(7), l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa***[10]*, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista' tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa' tmien snin minn dik id-data,* ***jew meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluziva***[11]. Minn dak provdut fl-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta huwa evidenti li f'kaz li l-Kummissarju tat-Taxxi jkun hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront ta' *taxpayer*, hekk kif inhu l-kaz fil-kaz in ezami, it-terminu ta' tmien snin hemm previst jibda jiddekorri **biss wara li l-istima ssir finali u konklusiva,** stadju dan li ghadu ma giex milhuq fil-vertenza bejn ir-Rikorrent u l-Kummissarju tat-Taxxi.

Li t-terminu ta' tmien snin previst fl-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jsib ebda applikazzjoni fil-kaz in ezami in verità jinsab rikonoxxut mir-

[8] Fol. 146 tal-process.
[9] Enfasi tat-Tribunal.
[10] Enfasi tat-Tribunal.
[11] Enfasi tat-Tribunal.

Rikorrent stess li fir-Rikors promotur kjarament jibbaza l-aggravju tieghu li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mertu ta' dawn il-proceduri nhargu *fuori termine* fuq l-**Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta**.

A tenur ta' l-Artikolu 30(1), (2) u (3) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) Meta persuna tkun baghtet prospett ta' l-income* ***ghal xi sena ta' stima li tigi qabel is-sena ta' stima 1999***[12]*, il-Kummissarju jista': (a) jaccetta l-prospett u jaghmel l-istima; (b) wara li jikkonsidra kull prospett, ktieb jew prova ohra li tingieb quddiemu jew li jinkisbu minnu, jirrifjuta li jaccetta l-prospett u mill-ahjar li jista' jiddetermina b'ordni bil-miktub l-ammont ta' l-income taxxabbli tal-persuna u jintaxxaha. (2) Meta persuna ma tkunx baghtet prospett ta' l-income ghal xi sena ta' stima li tigi qabel is-sena ta' stima 1999 u l-Kummissarju jkun tal-fehma li dik il-persuna hija suggetta li thallas taxxa, huwa jista', skond l-ahjar dehen tieghu, jiddetermina l-ammont ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna u jintaxxaha, imma dak l-intaxxar m'ghandux jolqot xi responsabbiltà li dik il-persuna jkollha minhabba n-nuqqas jew it-traskuragni taghha li tibghat prospett. (3) Meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li persuna ma tkunx saritilha stima jew li tkun saritilha stima b'ammont inqas minn dak li kien imissha giet intaxxata ghal xi sena ta' stima li tigi qabel is-sena ta' stima 1999, il-Kummissarju jista' jaghmel stima ta' dik il-persuna b'dak l-ammont jew b'ammont addizzjonali, skond il-gudizzju tieghu, li kien imissha giet intaxxata u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(b) ghandhom ikunu japplikaw ghal stima bhal dik.*

A tenur ta' l-Artikolu 30(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta: *L-istima, ghal xi sena ta' stima, li ssir b'mod konformi ma' u skond xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu ghandha ssir matul dik l-istess sena ta' stima jew* ***matul it-tmien snin li jigu wara l-iskadenza taghha***[13]*.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi u b'mod partikolari mill-Artikolu 30(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta li **ghas-snin ta' stima 1992 sa' 1998**, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni seta' johrog Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent entro s-segwenti dati:

Sena ta' stima 1992 - 31.12.2000;
Sena ta' stima 1993 - 31.12.2001;
Sena ta' stima 1994 - 31.12.2002;
Sena ta' stima 1995 - 31.12.2003;
Sena ta' stima 1996 - 31.12.2004;
Sena ta' stima 1997 - 31.12.2005;
Sena ta' stima 1998 - 31.12.2006.

A tenur ta' l-Artikolu 31(1) u (5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) Meta persuna tkun baghtet prospett ta' l-income skond l-artikolu 10 li jinkludi stima personali* ***ghas-sena ta' stima 1999 jew ghal xi sena ta' stima sussegwenti***[14]*, il-Kummissarju ghandu jiddetermina l-income taxxabbli, it-taxxa li ghandha*

---

[12] Enfasi tat-Tribunal.
[13] Enfasi tat-Tribunal.
[14] Enfasi tat-Tribunal.

*tithallas fuqu u t-taxxa li ghandha tithallas, jew li ghandha tithallas lura lil dik il-persuna ghal dik is-sena ta' stima f'dawk l-ammonti indikati minn dik il-persuna fl-istima personali, billi jsiru dawk il-korrezzjonijiet aritmetici li jkunu mehtiega fuq il-bazi ta' l-informazzjoni li jkun hemm f'dak il-prospett. (5) Meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li ghandha tithallas minn persuna* ***g****has-sena ta' stima 1999 jew ghal xi sena ta' stima sussegwenti tkun giet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi ohra, jekk ikun hemm, li jistghu jingiebu quddiemu jew jinkisbu minnu, skond l-ahjar gudizzju tieghu jaghmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li ghandha tithallas fuqu u t-taxxa li ghandha tithallas, jew li ghandha tithallas lura lil dik il-persuna ghal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun ghamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun giet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi ntaxxat, huwa jista', bl-istess mod, jaghmel stima jew stimi addizzjonali.*

L-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *Stima jew stimi addizzjonali ghal xi sena ta' stima taht is-subartikolu (5) ghandha ssir jew ghandhom isiru mhux iktar kmieni miz-zmien preskritt taht l-artikolu 10(1) sabiex jintbaghat il-prospett ta' l-income ghal dik is-sena u* ***mhux iktar tard minn hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat propsett ta' l-income jew prospett ulterjuri ghal dik is-sena***[15] *jew li fiha tkun saret ghazla taht l-artikolu 12 ghal dik is-sena.*

Minn dak provdut fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li ladarba r-Rikorrent issottometta l-prospetti tat-taxxa tieghu ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 fis-7 ta' Frar 2005, hekk kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "A1" sa' Dok. "A13" a fol. 152 sa' 177 tal-process, il-Kummissarju seta' johrog Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent ghal kull wahda minn dawn is-snin ta' stima sal-31 ta' Dicembru 2010.

Mill-atti processwali u senjatament mid-dokumenti markati Dok. "KTIA1" sa' Dok. "KTI26" a fol. 36 sa' 61 tal-process jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg Likwidazzjonijiet ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent fiz-zminijiet segwenti:

- Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997 u 1998 fil-25 ta' Awwissu 2005[16]; u
- Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 fid-9 ta' Awwissu 2005[17].

Minn dan isegwi ghalhekk li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1997 u 1998 hargu entro t-terminu statutorju ta' tmien snin previst fl-Artikolu 30(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima

[15] Enfasi tat-Tribunal.
[16] Dok. "KTIA1" sa' Dok. "KTIA13" a fol. 36 sa' 48 tal-process.
[17] Dok. "KTIA14" sa' Dok. "KTI26" a fol. 49 sa' 61 tal-process.

1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 hargu entro t-terminu statutorju ta' hames snin previst fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sottomissjoni tar-Rikorrent relattivament ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2004, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, u cioè li: *il-Kummissarju jikkontendi li dawn mhux milquta bil-preskrizzjoni ta' hames snin stante li huwa rcieva tali formoli fis-sena 2005. L-esponenti mill-banda l-ohra jargumenta li gialadarba minn Dok. JZ1 sa' JZ6 (fol. 203 et) jirrizulta minn dawn diversi statements tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni Dok. JZ1 sa' Dok. JZ6 (snin 2000 sa' 2004) li hemm imnizzel "Balance set off against other years) fis-sena ta' stima 1999, adjustment refund sena ta' stima 2000, balance set off against other years sena ta' stima 2001, l-istess hemm imnizzel ghas-sena ta' stima 2002, l-istess hemm imnizzel ghas-sena ta' stima 2003 u hemm ukoll imnizzel refund u adjustment (refund), total payments and tax credit ghas-sena ta' stima 2004;* ***li dan ifisser li l-Kummissarju kien ircieva tali formoli ferm qabel is-sena 2005 ghax kieku ma kienx jaghmel tali set off/adjustments/refund***[18].

Din is-sottomissjoni tar-Rikorrent, u senjatament li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ircieva l-prospetti tat-taxxa tieghu ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2004, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, qabel is-sena 2005, ma tistax tigi milqugha in kwantu ghal kollox kontradetta mill-prospetti tat-taxxa tieghu stess. Mill-prospetti in kwistjoni, senjatament mill-prospetti ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2004, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, jirriuzlta li r-Rikorrent u martu ffirmaw id-dikjarazzjoni li: *(1) this return is true and correct; (2) it includes a self assessment of all items of income and capital gains which are to be declared and allowable deductions; and (3) the necessary documents are attached and, if required, I/we can produce receipts and other records to substantiate the information included in this return*, fis-**7 ta' Frar 2005**. Ladarba d-dikjarazzjoni saret u giet iffirmata mir-Rikorrent u martu fis-7 ta' Frar 2005, ma jistax ikun li dawk il-prospetti ta' taxxa gew sottomessi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni qabel is-sena 2005, izda gew sottomessi fis-sena 2005 hekk kif affermat mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Minn dan kollu osservat jirrizulta ghalhekk li jonqos li jigu kkunsidrati l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992 sa' 1996, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, in kwantu dawn inhargu oltre t-terminu ta' tmien snin previst fl-Artikolu 30(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jirrikonoxxi li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992 sa' 1996 inhargu oltre t-terminu ta' tmien snin previst fl-Artikolu 30(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, izda jikkontendi li huwa seta' johrog tali Likwidazzjonijiet ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent a bazi ta' l-Artikolu 30(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Ligi jipprovdi illi: *minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), meta persuna ma tkunx baghtet lill-Kummissarju l-prospetti mehtiega bl-Atti dwar it-Taxxi ghal xi sena ta' stima li tigi qabel is-sena ta' stima 1999 jew* ***ma ddikjaratx b'mod komplet u veritier***

[18] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 332 tal-process. Enfasi tat-Tribunal.

***kull fatt materjali mehtieg ghall-istima taghha ghal xi sena u b'hekk tevita t-taxxa, il-Kummissarju, meta jidhirlu li dak li sar ikun dovut ghal frodi jew evazjoni, jista' f'kull zmien jaghmel stima ta' dik il-persuna b'dak l-ammont jew ammont addizzjonali hekk kif skond l-ahjar gudizzju tieghu dik il-persuna kellha tigi intaxxata u ghandu jiehu passi biex isir il-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali jew penali***[19].

In sostenn tal-jedd tieghu li johrog Likwidazzjonijiet ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1992 sa' 1996, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, il-Kummissarju tat-Taxxi ressaq bhala xhud lil George Borg, rapprezentant tieghu, illi fl-affidavit tieghu ddikjara li: *l-appellant kien shareholder ewlieni u kif ukoll id-direttur fil-kumpanija Professional Private Investigation Agency Limited (C-12346) fejn minn 500 sehem ordinarju mahrugin mill-istess kumpannija, XXXkellu 499 minnhom. Nghid illi l-bilanci tax-Shareholders Loan skond ir-Rapport Finanzjarju Awditjat ghas-snin 1991 u 1992 kien jaqraw kif gej: 1991 - Lm1,450; 1992 - Lm22,371. Nghid illi skond l-prospett ta' taxxa mibghut mill-appellant, id-dhul dikjarat kien kif gej: Sena ta' stima 1992 (Sena bazi 1991) Lm3,000; Sena ta' stima 1993 (Sena bazi 1992) Lm3,600. Nghid illi z-zieda fix-Shareholders Loan ghas-snin bazi 1991 u 1992 kienet ta' Lm22,371, liema zieda ma tistax tigi gustifikata mid-dhul dikjarat mill-istess appellant ghas-snin imsemmija, u ghaldaqstant gie meqjus mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li l-appellant ma ddikjarax id-dhul taxxabbli kollu tieghu u li, prima facie, dan ghamlu sabiex jevita milli jhallas it-taxxa kollha dovuta minnu. Nghid illi l-valur tas-servizzi provduti mill-kumpannija ta' l-appellant, cioè Professional Private Investigation Agency Limited, ghas-sena ta' stima 1995 (Sena bazi 1994) kien ta' Lm18,203. Nghid illi minhabba li l-appellant baqa' ma ssodisfax lill-Kummissarju rigward il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet ta' dhul maghmula minnu ghas-snin ta' stima 1992 sa' 2004, u billi l-istess appellant ta x'jifhem lill-Kummissarju li l-livell ta' negozju kien tant tajjeb li kien jaffordja joffri s-servizzi tieghu b'xejn lil azjenda kummercjali lokali ghal tlett snin shah, l-istess Kummissarju qies li, prima facie, id-dhul dikjarat mill-appellant ghall-istess snin ta' stima kien baxx wisq, u dan sar mill-istess appellant sabiex hu jevita milli jhallas it-taxxa kollha dovuta minnu*[20].

Fir-rigward tal-prova mehtiega ghall-finijiet ta' l-Artikolu 30(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Kawza Nru. 159b**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Jannar 1992[21], fejn dik il-Qorti osservat illi *jekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinvoka d-dritt tieghu li allavolja jkunu ghaddew aktar minn tmien snin huwa xorta johrog Likwidazzjoni addizzjonali fit-termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.123, it-taxpayer ghandu dritt jitlob li l-istess Kummissarju almenu jipprova li kellu prima facie raguni biex jifforma fehma li kien hemm qerq jew evazjoni skond il-kaz. Jidher mill-ligi li l-oneru tal-prova f'kazijiet normali jaqa' fuq it-taxpayer, però f'kazijiet fejn isiru Likwidazzjonijiet oltre l-perijodu preskrittiv il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhal ma gie deciz minn din il-Qorti fil-kaz Nru.81 fil-31 ta' Mejju*

---

[19] Enfasi tat-Tribunal.
[20] Affidavit ta' George Borg, fol. 150 u 151 tal-process.
[21] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 4 pg. 358 sa' 368.

*1971 jista' jigi miltub jipprova li verament ifforma l-fehma li kien hemm qerq jew evazjoni u fuq liema bazi wasal ghaliha. M'ghandux l-oneru li jipprova li ghandu ragun izda li ma wasalx ghall-Likwidazzjoni kapriccozament*[22]. Jaghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru.10/07** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Gunju 2008, fejn dik il-Qorti osservat li fejn tigi allegata l-frodi jew evazjoni tal-Fisco irid ikun hemm prova konkreta ta' l-allegat agir u mhux biss supposizzjonijiet jew presunzjonijiet: *in tema ta' ligi l-frodi jew id-dolo ma hu att prezunt u jrid jigi pruvat. Ara Artikolu 981(2) tal-Kodici Civili. Anke civiliter din il-prova ghandha tigi supplita b'rigur partikolari u mhux permezz ta' semplici induzzjonijiet jew presunzjonijiet. Dan ghaliex, kif ritenut, min jallega d-dolo jrid jipprova li l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li huma gravi u determinanti. Ara "Joseph Mifsud noe v. Paul Tanti" Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Frar 1965. Naturalment, u b'danakollu, il-fatt illecitu jista' jigi muri b'kull mezz rikonoxxut mill-Ligi.*

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kkonsidra li r-Rikorrent naqas milli jiddikjara d-dhul kollu tieghu ghas-snin ta' stima mertu ta' dawn il-proceduri u b'mod partikolari ghas-snin ta' stima 1992 sa' 1996, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, bl-iskop li jevadi jhallas it-taxxa minnu dovuta minhabba d-diskrepanzi riskontrati bejn l-*Audited Financial Reports* tas-socjetà tar-Rikorrent Professional Private Investigation Agency Limited u l-prospetti tat-taxxa sottomessi mir-Rikorrent, ghal liema diskrepanzi r-Rikorrent baqa' ma ta l-ebda spjegazzjoni gustifikata lill-istess Kummissarju. Ladarba d-dubji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni twieldu minn diskrepanzi bejn l-Audited Financial Reports tas-socjetà Professional Private Investigation Agency Limited u l-prospetti tat-taxxa tar-Rikorrent, ma jistax jinghad li l-Kummissarju wasal ghall-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1992 sa' 1996, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, kapriccjozament. Lanqas ma jista' jinghad li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ppresuma, minghajr ebda forma ta' prova in sostenn tal-konstatazzjoni tieghu, li kien hemm forma ta' frodi jew dolo da parte tar-Rikorrent. Id-dokumenti a disposizzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tar-Rikorrent u tas-socjetà tieghu kienu qed jaghtu stampa ghal kollox differenti minn dak dikjarat mir-Rikorrent fil-prospetti tat-taxxa tieghu u b'hekk il-Kummissarju kien, fil-fehma tat-Tribunal, gustifikat li qis li r-Rikorrent ma ddikjarax b'mod komplet u veritier kull fatt materjali mehtiega fil-prospett tat-taxxa tieghu ghas-snin ta' stima 1992 sa' 1996, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, bl-iskop car li jevadi l-hlas tat-taxxa dovuta minnu.

Detto ciò naturalment dan ma jfissirx li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mertu ta' dawn il-proceduri huma, ghal dak li jirriwgarda l-*quantum* tat-taxxa likwidata, korretti stante li din hija kwistjoni li ghad trid tigi trattata u determinata meta jigi trattat l-appell tar-Rikorrent fil-mertu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 ma nhargux *fuori*

[22] Sottolinear tat-Tribunal.

*temrine* u ghaldaqstant filwaqt li jichad l-aggravju preliminari sollevat mill-istess Rikorrent, jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

It-Tribunal jirriserva li jipprovdi dwar l-ispejjez fid-decizjoni finali dwar il-mertu.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**